# Malta m'għandhiex tibqa' tisfida lill-UE billi tkompli tippermetti l-kaċċa għall-Gamiem fir-rebbiegħa

## Wara r-rakkomandazzjoni tal-ORNIS ilbieraħ, issa r-responsabbiltà taqa' fuq il-PM u l-Gvern

Wara l-laqgħa tal-Kumitat ORNIS tal-bieraħ u l-vot favur il-ftuħ ta' staġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa, ir-responsabbiltà tal-ftuħ tal-istaġun fuq il-Gamiema – speċi Vulnerabbli – minkejja l-proċeduri addizzjonali ta' ksur imħabbra mill-Kummissjoni Ewropea kontra Malta fuq din id-deroga ftit ġimgħat biss ilu, issa taqa' direttament fuq il-Prim Ministru u l-Gvern tiegħu.

F'konferenza tal-aħbarijiet quddiem l-Uffiċċju tal-Prim Ministru fil-Belt Valletta, il-President ta' BirdLife Malta Darryl Grima, il-Kap Eżekuttiv Mark Sultana u l-Kap tal-Konservazzjoni Nicholas Barbara qalu li Dr Robert Abela se jiddeċiedi jekk iridx li jkompli jikkonfronta d-Direttivi Ambjentali tal-Unjoni Ewropea. Huma spjegaw kif BirdLife Malta kienet l-unika entità fl-ORNIS li vvutat kontra proposta biex jinfetaħ staġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa fuq il-Gamiema.

Għalkemm il-federazzjoni tal-kaċċaturi l-FKNK ressqet proposta tal-aħħar minuta biex jinfetaħ ukoll staġun tal-insib għall-Gamiema – għal darba oħra paraventu bl-iskuża ta' programm ta' "riċerka xjentifika" – BirdLife Malta insistiet li din il-proposta m'għandhiex titqiegħed għall-vot. Il-Kumitat ORNIS ikkonċeda din it-talba. L-insib imur kontra d-Direttiva Ewropea dwar l-Għasafar għax hu metodu insostenibbli kif toqtol l-għasafar, li jsir iktar insostenibbli meta jiġi pprattikat fir-rebbiegħa.

Malta, fil-fatt, bħalissa qed tiffaċċja proċeduri ta' ksur f'livelli differenti fuq id-derogi kollha li huma l-insib għall-Pluviera u l-Malvizz, l-insib għall-għasafar tal-għana, u l-kaċċa fir-rebbiegħa għas-Summiena u l-Gamiema. BirdLife Malta ressqet ukoll lill-Gvern quddiem il-Qorti f'Malta dwar il-kaċċa tal-Gamiem fir-rebbiegħa. L-iskuża li ġabu biex taparsi jiġġustifikaw l-insib għall-Gamiem kienet għal darba oħra "għal raġunijiet xjentifiċi" – skuża li ma kkonvinċietx lill-Kummissjoni Ewropea fil-każ tal-għasafar tal-għana, tant li fi

żmien qasir Malta mistennija titressaq quddiem il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja.

B'xorti ħażina, madanakollu, il-Kumitat ORNIS ivvota favur staġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa, b'BirdLife Malta tivvota kontra, u l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) tastjeni minħabba li l-Kumitat ma ġiex aġġornat dwar il-proċeduri ta' ksur eżistenti. Kien biss ix-xahar li għadda (15 ta' Frar) li l-Kummissjoni Ewropea bagħtet Ittra ta' Intimazzjoni addizzjonali lill-Gvern Malti wara li Malta reġgħet fetħet staġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa fuq il-Gamiema minkejja l-istatus tagħha bħala Vulnerabbli. L-istaġun reġa' nfetaħ is-sena l-oħra wara li tneħħa l-moratorju li kien ilu fis-seħħ mill-2017.

Il-kumplament tal-membri tal-Kumitat ivvutaw favur, anke tagħrif bħalma huwa dak dwar il-qabdiet ta' Summien li saru s-sena li għaddiet ma tressqux fil-ħin qabel bdiet il-laqgħa tal-Kumitat. Skont rapport tat-Taqsima tar-Regolamentazzjoni għall-Għasafar Selvaġġi (WBRU), b'kollox tul il-ħames xhur tal-istaġun tal-ħarifa tas-sena l-oħra nqabdu 154 Summiena u 133 Gamiema. Imma dan it-tip ta' tagħrif mhux ta' min joqgħod fuqu wisq għax hu bbażat fuq 387 kaċċatur biss minn total ta' 9,884 persuna bil-liċenzja tal-kaċċa li indenjaw ruħhom jirrappurtaw li qabdu għasfur. Il-liġi li tirregola l-kaċċa fir-rebbiegħa tesiġi li l-kwoti tal-kaċċa fir-rebbiegħa jinħadmu skont in-numru ta' għasafar maqtula fil-ħarifa ta' qabel. Għaldaqstant il-Kumitat ma setax jirrakkomanda l-kwoti preċiżi għal din ir-rebbiegħa, u ħalla din id-deċiżjoni f'idejn il-gvern.

Il-vot tal-Kumitat ORNIS tal-bieraħ injora l-fatt li Malta qed tiffaċċja diversi proċeduri ta' ksur mibdija mill-Kummissjoni Ewropea, u agħar minn hekk injora wkoll l-istatus tal-Gamiema li hija kklassifikata bħala speċi Vulnerabbli, u li qed tkompli tonqos. Din mhi l-ebda sorpriża għax tliet rappreżentanti bid-dritt tal-vot fl-ORNIS li suppost huma indipendenti jintgħażlu mill-Ministru Clint Camilleri, apparti ċ-Chairman.

Il-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana sostna: "Il-gwadann politiku jibqa' l-unika raġunament fil-Kumitat ORNIS, fejn il-fatti xjentifiċi kollha jingħataw il-ġenb. Dan hu dak li jagħmel lill-Kumitat ineffiċjenti fir-rwol tiegħu li jagħti l-pariri, u minflok sar biss sempliċi timbru tad-deċiżjonijiet li jkun irid il-Gvern. BirdLife Malta tibqa' f'dan il-Kumitat sempliċiment għax huwa pjattaforma fejn tista' tiddikjara l-fatti u dawn jitniżżlu fil-minuti.

Ir-reputazzjoni ta' pajjiżna fuq livell tal-UE issa messet il-qiegħ, bħalma qed jiġri lill-istatus ta' konservazzjoni tal-Gamiema. Huwa diżappuntanti li pajjiżna jibqa' jinsisti li jmur bil-kontra ta' dak li qed timmira għalih il-kumplament tal-Ewropa. Il-Gamiema tinsab fiċ-ċentru ta' sforzi ta' konservazzjoni mifruxa madwar l-Ewropa kollha, ħlief f'Malta, u l-ftuħ ta' staġun tal-kaċċa fir-

rebbiegħa fuq dan l-għasfur protett mhux sostenibbli u jmur kontra dawn l-isforzi. B'direttiva ġdida – id-Direttiva Restore Nature – li se tidħol fis-seħħ din is-sena madwar l-UE, pajjiżna se jiffaċċja konsegwenzi serji jekk ma tinbidilx b'mod drastiku l-mentalità li wieħed jista' jieħu li jrid u kemm irid min-natura, irrispettivament mill-istatus tagħha."

Fil-ġimgħat li ġejjin, BirdLife Malta se terġa' tkun preżenti fil-kampanja kemm fiż-żewġ gżejjer, b'enfasi partikolari fuq Għawdex, permezz tal-kamp annwali tagħha Spring Watch li fih jipparteċipaw voluntieri Maltin u Ewropej li jagħtu daqqa t'id fis-sorveljanza tal-passa tal-għasafar u l-attivitajiet tal-kaċċa u l-insib. Inħeġġu lin-nies biex jikkuntattjaw lil BirdLife Malta u lill-pulizija jekk jiltaqgħu ma', jew jissuspettaw li jkunu qed jitwettqu illegalitajiet. Nitolbu wkoll l-appoġġ u l-koperazzjoni min-naħa tal-pubbliku biex jiġu rrappurtati għasafar feruti u vittmi tal-kaċċa li jsibu matul l-istaġun tal-kaċċa tar-rebbiegħa, xi ħaġa li sfortunatament isseħħ kull sena fil-Gżejjer Maltin.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org

**Ħoloq utli (agħfas fuqhom biex tiftaħhom):**

- WBRU Game Reporting Data (2022 Report)
- L-aktar proċeduri ta' ksur riċenti mibdija mill-KE f'nofs Frar fuq il-kaċċa għall-Gamiema fir-rebbiegħa

**Niżżel ir-ritratti minn hawn: https://we.tl/t-k6bqASZUNg**

1. Il-Gamiema, speċi kklassifikata bħala Vulnerabbli għall-Estinzjoni mill-IUCN (Ritratt ta' Aron Tanti)
2. Il-President ta' BirdLife Malta Darryl Grima jindirizza lill-ġurnalisti aktar kmieni llum (Ritratt ta' Cinzia Mintoff)
3. Il-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta Mark Sultana waqt il-konferenza stampa tal-lum (Ritratt ta' Cinzia Mintoff)
4. Il-Kap tal-Konservazzjoni ta' BirdLife Malta Nicholas Barbara (Ritratt ta' Cinzia Mintoff)
5. Il-konferenza tal-aħbarijiet li saret quddiem l-Uffiċċju tal-Prim Ministru fil-Belt Valletta (Ritratt ta' Cinzia Mintoff)
6. Il-ġurnalisti miġbura quddiem Kastilja (Ritratt ta' Cinzia Mintoff)
7. Rigal simboliku għall-Prim Ministru li tħalla fuq it-taraġ ta' Kastilja fi tmiem il-konferenza tal-aħbarijiet (Ritratt ta' Cinzia Mintoff)
8. Ir-rigal li tħalla fuq it-taraġ tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru (Ritratt ta' Cinzia Mintoff)